# Entużjażmu

Kull sena f'għeluq sninu nannuh jieħdu
miegħu l-belt - is-sħana tqattar bħal xamgħa -
jisimgħu quddiesa u jieklu l-pastizzi.
Il-mixja tax-xwejjaħ u t-tfajjel fetħet
- triq nies u ħsibijiet, riġlejn, ħlewwiet... -
separju ta' anġlu għama jittawwal
u jberraq fih innifsu -għatx u aptit -
ixomm ir-riħa tal-knisja mudlama
u jtiegħem bil-qima l-piżelli sħan.
Maħkum b'xi alla - statwi bil-kuluri -
f'xi alla t-tfajjel terraq waħdu maħdem
il-għerf ħalli jibni "database" sħiħa
bl-isfiljurata tal-furnar nannuh.
Sab li n-nuqqas huwa ħoss u għall-aħħar
darba daħal fi tfulitu, bħal karba,
bil-ħeġġa t'alla ttih nifs qawwi sħun.

***Charles Briffa***

(* il-kelma "entużjażmu" hawnhekk trid tinftiehem fis-sens etimoloġiku tagħha: "en theos", f'alla.)